



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.11.2006
KUMM(2006)653 finali

2006/0217(COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi Komitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta'
Tagħrif Statistiku**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

Il-ħolqien tas-CEIES (il-Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar it-Tagħrif Statistiku fl-Ambiti Ekonomiċi u Soċjali) kien propost minn Jacques Delors, li dak iż-żmien kien President tal-Kummissjoni Ewropea, u Henning Christophersen, li dak iż-żmien kien il-Viċi-President, tul is-seminar ta' April 1989 dwar il-ġejjieni tas-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika (ESS). Minħabba l-bidliet li kienu jseħħu fl-oqsma ekonomiċi u soċjali bħala riżultat ta' l-Att Uniku Ewropew, inħass il-bżonn għal Kumitat li jirrifletti l-opinjoni tas-soċjetà Ewropea b'mod ġenerali dwar l-istatistika Komunitarja. L-għan kien li tinholq struttura għal djalogu u konsultazzjoni bejn il-produtturi u l-utenti ta' l-istatistika u li dan id-djalogu jitqiegħed fuq livell Komunitarju, u b'hekk jikkumplimenta l-awtoritajiet ta' konsultazzjoni nazzjonali utent-produttur, li ovvjament kienu ffokati fuq tħassibiet nazzjonali.

Il-bżonn għal riforma profonda tat-tħaddim u l-kompożizzjoni tas-CEIES, b'mod partikolari wara t-tkabbir ta' l-UE għal 25 Stat Membri, jitqies b'mod ġenerali mill-ESS. Il-Bureau tas-CEIES innifsu sejjaħ għal riflessjoni dwar ir-riforma mill-2002. Il-kwistjonijiet tar-riforma identifikati kienu ffokati b'mod partikolari fuq il-bżonn ta' entità iżgħar u aktar effiċjenti li għandu jkollha sehem aktar strateġiku rigward l-iżvilupp tal-politiki Ewropej ta' tagħrif statistiku.

Minbarra l-kwistjonijiet ta' riforma identifikati hawn fuq, tfassil mill-ġdid aktar ġenerali tal-pajsaġġ Ewropew ta' l-Istatistika kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet ta' l-istatistika nazzjonali u Komunitarji (COM(2005)217 finali) miżjuda mar-rekwiżiti tar-riforma: il-Komunikazzjoni tipprevedi entità ta' konsultazzjoni esterna ġdida li tkun inkarigata li tikkontrolla l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika mill-ESS b'mod ġenerali, minbarra li tagħti pariri fuq livell Ewropew dwar il-prijoritajiet ta' l-istatistika. Il-Kunsill ECOFIN, fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Novembru 2005, indika l-bżonn li s-CEIES riformat u l-entità ta' konsultazzjoni tal-ġejjieni ta' livell għoli jibqgħu żewġ entitajiet separati.

Bil-proposta tiegħu għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew/tal-Kunsill dwar Kumitat ta' Konsultazzjoni Ewropew dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku, il-Kummissjoni tindirizza l-kwistjonijiet għal riforma tas-CEIES eżistenti identifikata fil-konklużjonijiet tat-Task Force msemmi hawn isfel u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2005.

• **Kuntest Ġenerali**

Il-Kumitat ta' Programm ta' l-Istatistika (SPC) iddeċieda li joħloq Task Force żgħir li fih membri ta' l-SPC u s-CEIES biex iwettqu riflessjoni profonda dwar il-ġejjieni tas-CEIES u b'mod partikolari dwar il-funzjoni, il-ħidmiet u l-kompożizzjoni tas-CEIES u r-relazzjoni ma' l-SPC. It-Task Force ltaqa' darbtejn, fis-26 ta' Marzu u fl-14 ta' Mejju 2004. Imsejjes fuq ix-xogħol tat-Task Force, l-Eursotat ippreżenta l-linji ta' gwida ġenerali ta' entità tas-CEIES riformata f'karta ta' orjentazzjoni għall-54 laqgħa ta' l-SPC fis-17-18 ta' Novembru 2004. Id-dokument enfasizza l-bżonn għal entità iżgħar,

b'massimu ta' 20 membru (bħalissa 79) u rwol aktar strateġiku, li għandu jgħin lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni bil-koordinazzjoni ta' l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku.

Rigward is-CEIES b'mod partikolari, fil-konklużjoniet tiegħu tat-8 ta' Novembru 2005, il-Kunsill,:

- innota l-ħsieb tal-Kummissjoni biex tipproponi riforma magħguri tas-CEIES sabiex ikollha entità iżgħar u aktar effiċjenti;
- iddikjara li s-“CEIES riformat se jikkontribwixxi għat-titjib tat-tmexxija tas-Sistema ta' l-Istatistika Ewropea u għaż-żieda fil-kwalità ta' l-istatistika Komunitarja”;
- iddikjara li s-“CEIES riformat għandu jingħata l-ħidma li jleħħen l-interessi ta' l-utenti mhux governattivi u ta' dawk li jwiegħbu għall-istatistika Ewropea. Rigward il-kompożizzjoni, għandu jkun f'pożizzjoni li jirrappreżenta l-partijiet interessati kollha ta' l-istatistika Ewropea”.

• **Dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tal-proposta**

Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1991 (91/116/KEE) it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv Ewropew dwar it-tagħrif statistiku fl-ambiti ekonomiċi u soċjali (CEIES), il-ħidma tal-Kumitat hu li: “jgħin kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni ta' l-għanijiet tal-politika ta' tagħrif dwar l-istatistika Komunitarja, jqis il-ħtiġijiet ta' l-utenti u l-ispejjeż li jaqgħu fuq il-produtturi tat-tagħrif”. F'termini prattiċi, dan ifisser li s-CEIES għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar ir-rilevanza tal-programm Komunitarju ta' l-istatistika, dwar kif għandu jiġi kkontrollat u dwar l-ispejjeż assoċjati mġarrba mill-Komunità, l-Istituti ta' l-Istatistika Nazzjonali u l-fornituri. Peress li parir mill-utenti, minn min iwieġeb u l-produtturi dwar l-għanijiet tal-politika tat-tagħrif dwar l-istatistika Komunitarja jibda jinkiseb permezz tal-Kumitat il-ġdid, għet proposta r-revoka tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE.

• **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħrajn ta' l-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2) **KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI U STIMA TA' L-IMPATT**

• **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenija fil-mira u l-profil ġenerali ta' min wieġeb

Il-proposta tfasslet fid-dawl tal-konsultazzjoni tal-membri tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew eżistenti dwar it-Tagħrif statistiku fl-ambiti Ekonomiċi u Soċjali u tal-Kumitat tal-Programm Statistiku.

Taqsis ta' tweġibiet u kif tqiesu

Il-proċess ta' konsultazzjoni wera l-bżonn għal entità iżgħar b'massimu ta' 20 membru (bħalissa 79) u rwol aktar strateġiku, li għandu jgħin lill-Kunsill, lill-Parlament

Ewropew u lill-Kummissjoni bil-koordinazzjoni ta' l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku. Din il-proposta tirrifletti u tqis il-kwistjonijiet ta' riforma identifikati.

- **Kisba u użu ta' kompetenza**

Ma kienx hemm bżonn ta' kompetenza esterna.

3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Taqsis ta' l-azzjoni proposta**

Il-proposta għandha l-għan li twaqqaf il-Kumitat ta' Konsultazzjoni Ewropew dwar il-Politika tat-Tagħrif dwar l-Istatistika Komunitarja. Il-Kumitat għandu jgħin lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni billi jżgura li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' l-utenti u l-ispejjeż li jaqgħu fuq il-fornituri u produtturi tat-tagħrif fil-koordinazzjoni ta' l-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi tal-politika ta' tagħrif dwar l-istatistika Komunitarja.

- **Bażi Ġuridika**

Il-proposta hi msejsa fuq l-Artikolu 285 tat-Trattat, li hi l-bażi ġuridika għall-miżuri adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar il-produzzjoni ta' l-istatistika Komunitarja u d-definizzjoni tal-prinċipji li għandhom isegwu.

- **Prinċipju ta' Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba din/dawn ir-raġuni(jiet).

Il-proposta tikkonċerna l-parir mill-utenti, minn min iwieġeb u mill-produtturi dwar l-għanijiet tal-politika tat-tagħrif dwar l-istatistika Komunitarja u ma taffettwax ir-rwoli ta' entitajiet simili fuq livell nazzjonali.

Il-proposta għandha tnaqqas kwalunkwe piż eżistenti fuq l-operaturi Komunitarji u nazzjonali billi tarmonizza l-proċeduri eżistenti.

- **Għażla ta' l-istrumenti**

Strumenti proposti:

Fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tas-27 ta' Lulju 2005 (C(2005)2817) dwar "Qafas għal gruppi esperti tal-Kummissjoni: regoli orrizontali u reġistru pubbliku", il-Kummissjoni kkonkludiet li, minn perspettiva istituzzjonali, il-gruppi ta' esperti, jiġifieri il-gruppi li fihom esperti nazzjonali u/jew tas-settur privat li se jgħinu lill-Kummissjoni fit-twettiq tas-setgħat ta' inizjazzjoni tagħha u fil-ħidmiet ta' supervizzjoni u koordinazzjoni ma' l-Istati Membri, għandhom jitwaqqfu minn Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Madankollu, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kellha tqis il-fatt li dan il-Kumitat (CEIES) kien imsejjes fuq Deċiżjoni tal-Kunsill li kellha tiġi rrevokata u li l-għan tal-Kumitat il-

ġdid kien li mhux biss jgħin lill-Kummissjoni iżda lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew ukoll fil-koordinazzjoni ta' l-għanijiet u l-prinċipji strateġiċi tal-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku.

Għalhekk, minħabba l-għanijiet u l-kontenut tal-proposta, Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hi l-aktar strument xieraq.

4) IMPLIKAZZJONI FUQ IL-BAĠIT

L-implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-proposta jikkonċernaw is-seħħ ta' laqgħat u t-tmexxija ta' studji meħtieġa. Permezz ta' l-arranġamenti tar-riżorsi baġitarji u umani għas-CEIES, il-proposta m'għandu jkollha l-ebda impatt fuq il-baġit.

5) TAGĦRIF IEĦOR

- **Revoka ta' leġislazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni ta' proposta twassal għar-revoka ta' leġislazzjoni eżistenti.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta

- Il-bidliet ewlenin rigward is-CEIES eżistenti huma kif ġej:
- Isem mibdul għal Kumitat ta' Konsultazzjoni Ewropew dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku (l-Artikolu 1(1)) u ffokat fuq ir-rekwiżiti ta' l-utent f'koordinazzjoni ma' l-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi tal-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku (l-Artikolu 1(2)).
- Pożizzjoni aktar qawwija fit-tħejjija tal-programm Komunitarju ta' l-istatistika u l-programm ta' xogħol ta' l-istatistika annwali tal-Kummissjoni (l-Artikolu 2(1)).
- il-Kumitat jista' jagħti parir ukoll dwar kif jinkisbu aħjar il-bżonnijiet ta' kwalità ta' l-utenti (l-Artikolu 2(2)).
- Il-Kummissjoni kellha tirrapporta lura annwalment dwar kif qieset l-opinjoni tal-Kumitat (l-Artikolu 3(2)).
- Is-sħubija tnaqqset minn 79 membru bħalissa għal 25 (l-Artikolu 4). Il-kumitat il-ġdid ser ikun magħmul minn membri li jirriflettu s-soċjetà ċivili, l-utenti istituzzjonali ta' l-istatistika u d-Direttur-Ġenerali ta' l-Eurostat.
- Jistgħu jitwaqqfu gruppi ta' ħidma temporanji biex jirrapportaw lura lill-Kumitat (l-Artikolu 6(3)).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Huma u jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat

Billi:

- (1) Il-konsultazzjoni ta' l-utenti u l-produtturi ta' tagħrif statistiku u ta' min iweġeb għat-talbiet ta' tali tagħrif hi essenzjali għat-tħejjija u l-iżvilupp tal-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku.
- (2) Il-Kumitat ta' Konsultazzjoni Ewropew dwar it-Tagħrif Statistiku fl-Ambiti Ekonomiċi u Soċjali mwaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE¹ bħalissa jgħin lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni ta' l-għanijiet tal-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku, b'kunsiderazzjoni għar-rekwiżiti ta' l-utenti u l-ispejjeż imġarrba mill-fornituri u l-produtturi tat-tagħrif.
- (3) Filwaqt li l-Kumitat ta' Konsultazzjoni Ewropew dwar it-Tagħrif Statistiku fl-Ambiti Ekonomiċi u Soċjali wera li kien bżonnjuż, il-bidliet li sehew fil-Komunità, b'mod partikolari t-tkabbir tagħha għal 25 Stat Membru, jeħtieġu għadd ta' bidliet rigward ir-rwol, il-mandat, il-kompożizzjoni u l-proċeduri tiegħu. Għall-finijiet ta' ċarezza, jeħtieġu li l-Kumitat jinbidel b'Kumitat ġdid.
- (4) Il-Kumitat il-ġdid għandu jaġti sehmu għat-titjib tat-tmexxija tas-Sistema ta' l-Istatistika Ewropea għaż-żieda fil-kwalità ta' l-istatistika Komunitarja. Għal dan il-għan, għandha tinżamm kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika, stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE/Euratom u mal-Kumitat

¹ ĠU L 59, 6.3.1991, p.21. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 255/97 (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 32.

dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti, imwaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/115/KEE.

- (5) Għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-bżonn biex jitnaqqas in-numru ta' membri sabiex jippermetti lill-Kumitat li jaħdem b'mod effiċjenti f'Komunità mkabbra u l-bżonn biex jippermetti r-rappreżentanza tal-partijiet interessati kollha fl-istatistika Komunitarja, kif mitlub mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Novembru 2005.
- (6) Il-bżonn li l-benefiċċji u l-ispejjeż tar-rekwiżiti ta' l-istatistika Komunitarja jiġu vvalutati u bbilanċjati aħjar u l-bżonn li l-piż tal-leġiżlazzjoni ta' l-istatistika Komunitarja jiġi bbilanċjat mill-ġdid u jitnaqqas, biex b'hekk iħaffef il-konformità mat-talba li kull ma tmur tikber, ifisser li l-Kumitat għandu jkollu sehem akbar fit-tnejjija u l-implementazzjoni tal-programm Komunitarju ta' l-istatistika.
- (7) Il-Kumitat il-ġdid għandu jservi ta' mezz ta' konsultazzjoni mill-utenti, minn min iwieġeb u mill-produtturi tat-tagħrif statistiku dwar l-għanijiet tal-politika Komunitarja ta' tagħrif statistiku. Id-Deċiżjoni 91/116/KEE għandha għalhekk tiġi rrevokata.

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Kumitat ta' Konsultazzjoni

1. Il-Kumitat ta' Konsultazzjoni Ewropew dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") hu hawnhekk imwaqqaf.
2. Il-Kumitat għandu jgħin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni billi jiżgura li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' l-utenti u l-ispejjeż li jaqgħu fuq il-fornituri u l-produtturi tat-tagħrif fil-koordinazzjoni ta' l-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi tal-politika ta' tagħrif dwar l-istatistika Komunitarja.
3. L-għajnuna għandha tkopri l-oqsma statistiċi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku.

Artikolu 2

Ħidmiet

1. Il-Kumitat għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni minn kmieni fit-tnejjija tal-programm Komunitarju ta' l-istatistika. Għandu jleħħen l-opinjoni tiegħu u jindirizza b'mod partikolari:
 - (a) ir-rilevanza tal-programm Komunitarju ta' l-istatistika għar-rekwiżiti ta' l-integrazzjoni u l-iżvilupp Ewropew, kif espress mill-istituzzjonijiet Komunitarji, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, il-kategoriji ekonomiċi u soċjali varji u l-gruppi xjentifiċi;

(b) ir-rilevanza għall-programm Komunitarju ta' l-istatistika għall-attivitajiet tal-Komunità, b'kunsiderazzjoni ta' l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi;

(c) il-bilanċ (il-prijoritajiet u r-riżorsi) bejn iż-żoni differenti tal-programm Komunitarju ta' l-istatistika u l-programm ta' xogħol ta' l-istatistika annwali tal-Kummissjoni;

(d) ir-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta' l-istatistika inklużi l-ispejjeż diretti mġarrba kemm mill-Komunità kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali;

(e) l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mad-dispożizzjoni tat-tagħrif statistiku mill-fornituri tat-tagħrif;

2. Il-Kumitat għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn iż-żoni fejn jista' jkun meħtieġ li jiġu żviluppati attivitajiet statistiċi ġodda u għandu jagħti parir lill-Kummissjoni dwar kif il-bżonnijiet tal-kwalità jistgħu jintlaħqu aħjar mill-utenti, b'kunsiderazzjoni ta' l-ispejjeż għall-fornituri u l-produtturi tat-tagħrif.

Artikolu 3

Relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet Ewropej u l-entitajiet l-oħra

1. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar is-suġġetti li għandhom x'jaqsmu mar-rekwiżiti ta' l-utent fl-iżvilupp tal-Politika Komunitarja ta' tagħrif statistiku, il-prijoritajiet tal-programm Komunitarju ta' l-istatistika, il-valutazzjoni ta' l-istatistika eżistenti, il-kwalità tad-*data* u l-politika ta' tixrid.
2. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu u jippreżenta r-rapporti dwar ir-rekwiżiti ta' l-utent u l-ispejjeż li jaqgħu fuq il-fornituri tad-*data* fil-produzzjoni u t-tixrid ta' l-istatistika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kull meta jqis li dan hu meħtieġ għat-twettiq tal-ħidma tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta annwalment dwar kif qieset l-opinjonijiet tal-Kumitat.
3. Sabiex iwettaq il-ħidma tiegħu, il-Kumitat għandu jikkoopera mal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika u l-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti. Għandu jibgħat kopji ta' l-opinjoni u r-rapporti tiegħu lil dawn iż-żewġ kumitati.
4. Il-Kumitat għandu jstabilixxi relazzjonijiet mal-kunsilli ta' l-utent ta' l-istatistika nazzjonali.

Artikolu 4

Kompożizzjoni u proċedura għall-ħatra

1. Il-Kumitat għandu jkun fih 25 membru.

Erbatax-il membru tal-Kumitat għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Sabiex jinħatru dawn il-membri, kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni lista ta' żewġ kandidati b'kwalifiki stabbiliti sew fil-qasam ta' l-istatistika. Il-Kummissjoni għandha tipprova tiżgura li l-kompożizzjoni tal-membri jirrifletti b'mod ġust is-soċjetà ċivili, kif ukoll il-komunità xjentifika, u jkopri b'mod xieraq l-oqsma statistiċi varji koperti mill-programm Komunitarju ta' l-istatistika.

Disa' membri se jinħatru direttament mill-entitajiet li għalihom jappartjenu, kif ġej:

- (a) rappreżentant tal-Parlament Ewropew,
- (b) rappreżentant tal-Kunsill,
- (c) rappreżentant tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
- (d) rappreżentant tal-Kumitat tar-Reġjuni,
- (e) rappreżentant tal-Bank Ċentrali Ewropew,
- (f) żewġ rappreżentanti mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika,
- (g) membru li jirrappreżenta l-Unjoni tal-Konfederazzjoni ta' l-industrija u ta' min jimpjega ta' l-Ewropa (UNICE),
- (h) membru li jirrappreżenta l-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trejdjunjins (ETUC),
- (i) membru li jirrappreżenta l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju ta' l-Artiġjanat (UEAPME).

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Eurostat se jkun membru *ex-officio* tal-Kumitat.

Il-lista tal-membri għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, Serje C.

Artikolu 5

Tul tal-mandat

1. Il-Membri tal-Kumitat se jinħatru għal perjodu ta' erba' snin, li jiġġedded darba. Ma' tmiem it-terminu tal-ħatra tagħhom, il-membri għandhom jibqgħu fil-ħatra sakemm jiġu ssostitwiti jew sakemm il-ħatra tagħhom tiġġedded.

2. Jekk membru jirriżenja qabel tmiem it-terminu tal-ħatra tiegħu, għandu jkun ssostitwit għall-bqija tat-terminu minn membru maħtur skond l-Artikolu 4.

Artikolu 6

Struttura u funzjoni tal-Kumitat

1. Il-Kumitat għandu jaħtar il-President tiegħu minn fost il-membri maħtura mill-Kummissjoni. Il-President għandu jinħatar għal perjodu ta' erba' snin, li jiġġedded darba.
2. Il-President għandu jlaqqa' l-Kumitat mill-inqas darba, jew fuq l-inizjattiva tiegħu jew fuq it-talba ta' għall-inqas terz mill-membri tiegħu.
3. Għat-tħejjija ta' l-opinjoni fuq suġġetti statistiċi tassew kumplessi, il-Kumitat jista' jipproponi li l-Kummissjoni tistabbilixxi gruppi ta' xogħol temporanji li għandhom jiġu ppreseduti minn membru tal-Kumitat. Kull grupp tax-xogħol għandu jkun magħmul minn esperti li jipprovdu bilanċ xieraq ta' sfondi professjonali u distribuzzjoni ġeografika. Il-Presidenti ta' dawn il-gruppi tax-xogħol għandhom jibagħtu r-riżultati tal-proċedimenti tagħhom fis-sura ta' rapport f'laqgħa tal-Kumitat.
4. Ir-rappreżentanti ta' kwalunkwe dipartiment ikkonċernat tal-Kummissjoni għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat u fil-gruppi tax-xogħol bħala osservaturi.
Il-President jista' jawtorizza lill-osservaturi l-oħra biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat.
5. Is-servizzi segretarjali għandhom jiġu pprovvuti għall-Kumitat u gruppi ta' xogħol mill-Kummissjoni.

Artikolu 7

Proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet

1. Opinjoni mogħtija mill-Kumitat għandha tkun valida jekk żewġ terzi tal-membri tiegħu jkunu preżenti personalment jew b'mezzi oħra li għandhom jiġu speċifikati fir-regoli interni tal-proċedura.
2. Il-membri biss jistgħu jivvutaw. Membru jista' jiddelega l-vot tiegħu lil membru ieħor. L-ebda membru ma' jista' jirċievi aktar minn żewġ delegazzjonijiet.
3. Opinjoni mogħtija mill-Kumitat għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hi msejsa. Għandha tingħata b'maġġoranza sempliċi tal-voti. F'każ ta' parità ta' voti, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 287 tat-Trattat, il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu meħtieġa li ma jikxfux informazzjoni li jkunu kisbu aċċess għaliha permezz tal-proċeduri tal-Kumitat jew ta' grupp tax-xogħol, jekk il-Kummissjoni tinfirmahom li l-opinjoni mitluba jew il-kwistjoni mqajma tkun ta' natura kunfidenzjali.

Artikolu 9

Regoli ta' Proċedura Interni

Wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jiġu trażmessi għal skopijiet ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;

Artikolu 10

Revoka

Id-Deċiżjoni 91/116/KEE ġiet irrevokata.

Artikolu 11

Id-Dħul fis-seħħ

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ [].

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*